**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Lulju 2020**

**Talba Nru: 105/18 CZ**

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**

**vs.**

**Anthony Scicluna**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fil-21 ta' Marzu 2018 li biha talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' tlett'elef u disa' mija u disa' Euro (€3,909.76), rapprezentanti servizzi rezi u prodotti provduti in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.11017185, fuq talba u a beneficcju tal-intimat u dan kif jirrizulta mill-fattura li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata 'Dok. X1'.

Illi dan il-kreditu qed jigi kkonfermat mir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti u dan kif jirrizulta mill-affidavit hawn anness u mmarkat 'Dok. X2'.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut imressqa fil-11 ta' Mejju 2018 li permezz taghha eccepixxa:

Illi t-talba attrici ghall-hlas ta' tlett'elef disa' mija u disa' Euro u sitta u sebghin centezmu (€3,909.76) ghandha tigi michuda mit-Tribunal fit-totalita' taghha:

Stante illi fil-kuntratt li wassal ghal din il-pretensjoni, iffirmat fil-5 ta' Settembru 2016, huwa null billi l-kunsens tal-konvenut (li huwa persuna nazjana illum ta' tlieta u tmenin sena), ilitterat, minghajr l-icken gharfien ta' uzu ta' 'internet' u ta' servizzi provduti fil-kuntratt u bir-registrazzjoni f'ismu tkun biss biex is-servizz jintuza minn certa Charlene Gatt preenti mieghu wat l-iffirmar tal-kuntratt, ma jiswiex ghax gie ottenut b'ghemil doluz mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici permezz ta' inganni, konsistenti fin-nuqqas ta' informazzjoni kompleta u importanti dovuta fic-cirkostanzi tal-konvenut, dwar il-hlas li jista' jkun dovut 'il quddiem u ghalxiex, li altrimenti kieku infurmat f'dan ir-rigward mir-rapprezentant qabel l-iffirmar, il-konvenut zgur ma kienx jiffirma tali kuntratt.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premessa nullita' tal-kuntratt mal-iffirmar, anke wara l-istess iffirmar, il-kuntratt ma kienx esegwit mis-socjeta' attrici bil-bona fidi, billi kien biss bl-ittra legali tass-socjeta' attrici tas-7 ta' Dicembru 2016 li ghall-ewwel darba l-konvenut gie infurmat b'kont ferm qawwi (fl-ittra indikata fl-ammont ta' erbat'elef u tletin Euro u sitta u tmenin centezmu (€4,030.86), u kien biss wara din l-ittra li ghall-ewwel darba fuq talba tieghu stess, il-konvenut inghata 'breakdown' ta' din is-somma, cioe' inghata l-kontijiet ta' Settembru, Ottubru u Novembru, 2016, rispettivament fl-ammonti gia' gholjin ta' elf, tmin mija u wiehed u sittin Euro u erbatax-il centezmu (€1,861.14), tmin mija u sbatax-il Euro u sitta w sittin centezmu (€817.66), u elf, tliet mija u tnejn u hamsin Euro u sitt centezmi (€1,352.06), biex b'hekk minn wara l-ewwel kont gia' ferm eccessiv ta' Settembru,

2016, il-konvenut kompla jithalla kompletament fl-ghama u priv minn kull taghrif ta' kontijiet sabiex ikun jita' jitlob mill-iktar fis malajr il-qtugh tas-servizz fil-kuntratt.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, ingunta ghas-subizzjoni.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra x-xiehda ta' Dr. Jeremy Debono[1], Elaine Stagno Navarra[2], il-konvenut[3], Charlene Gatt[4], Paul Gatt[5].

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

---

[1] Fol. 3
[2] Fol. 21
[3] Fol. 47, u in kontro-ezami fis-seduta mizmuma quddiem il-Perit legali fl-4 t'April 2019
[4] Fol. 67
[5] Fol. 72

Illi x-xhud Elaine Stagno Navarra, li tahdem mas-socjeta' attrici, indikat li l-konvenut kien mar fil-fergha tas-socjeta' attrici u ghamel kuntratt li beda fil-5 ta' Settembru 2016. Fis-17 ta' Settembru 2016, ftit jiem wara, is-socjeta' attrici baghtet sms fuq in-numru tal-kuntratt sabiex tissenjala lil min kien qed juzah, li kien qed jintuza b'mod eccessiv. Fit-2 ta' Novembru, ftit gimghat wara, intbaghat messagg iehor fejn indikawlu li jekk ma kienx ha jhallas il-kont pendent, kienu ha jwaqqfu s-servizz. Fil-fatt fil-jiem ta' wara s-socjeta' attrici bdiet tnaqqas is-servizz bil-mod il-mod. Sussegwentement intbaghtet ittra legali lill-konvenut sabiex jersaq ghall-hlas. Dan mhux qabel pero' ma kienu ntbaghatu erba' messaggi sabiex jitolbuh ihallas. Wara li rcieva l-ittra, l-konvenut mar jitlob spjegazzjoni lis-socjeta' attrici, u talab il-kontijiet kollha. Il-pagament pero' baqa' ma sarx.

Illi mill-kuntratt esebit minn din ix-xhud, jirrizulta li l-konvenut inghata l-kundizzjonijet kollha li huma mnizzlin fil-kuntratt, inkluz it-tariffi u l-limiti ta' uzu normali li kienu jaqghu fil-limiti ta-kuntratt. Fuq il-kuntratt tidher ukoll il-firma tal-konvenut.

Illi l-konvenut xehed illi hu kien mar fil-fergha tas-socjeta' attrici ta' Birkirkara, flimkien ma' certa Charlene Gatt, li kellha tkun hi li tuza dan is-servizz finalment. Qal ukoll illi meta kien ser jiffirma, serrah rasu li kien ha jhallas biss ammont ta' hamsa u sittin Euro (€65) fix-xahar, li ghalih kien ragonevoli. Isostni illi l-impjegata tas-socjeta' attrici ma avzatux li jekk jaqbez il-limitu tal-uzu, kellu jhallas iktar. Kontijiet il-konvenut qatt ma rcieva, sakemm ma rcieva l-ittra legali li ssemmiet qabel. In kontro-ezami xehed illi jaghraf il-firma tieghu fuq il-kuntratt, u li ffirma l-istess ghaliex Charlene Gatt kienet qaltlu li huwa tajjeb. Il-konvenut ma jafx jaqra, u fiz-zmien li Charlene Gatt kienet qaltlu biex jaghmel il-kuntratt, kienet tghix mieghu, u damet hekk tghix mieghu ghal xi erba' jew hames xhur ohra wara li ha s-servizz. Qal ukoll illi l-mobile ma jafx ihaddmu. Kienet Charlene Gatt u l-impjegata tas-socjeta' attrici li qalulu li kellu jhallas biss hamsa u sittin Euro (€65)

fix-xahar. Stqarr fl-istess hin pero' li l-mobile kien juzah biex 'ikellem lit-tifel u forsi xi tnejn ohra'.

Ix-xhud Charlene Gatt qalet li lill-konvenut tafu, izda n-numru tal-mobile in kwestjoni ma kienx taghha. Lanqas l-e-mail address indikat fil-kuntratt ma kien taghha. Lanqas ma ftakret jekk minn dakinhar li gie ffirmat il-kuntratt, kellhiex servizz tal-internet. Kontijiet minghand is-socjeta' attrici ma rcevietx.

Ix-xhud Paul Gatt qal li n-numru tal-mobile in kwestjoni qatt ma kien registrat ma' GO plc.

Illi t-Tribunal iqis illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li l-kuntratt gie ffirmat mill-konvenut, tant li gharaf il-firma tieghu fuq l-istess. Lanqas ma hemm kontestazzjoni dwar jekk is-servizz inghatax jew il-konsum sehhx verament.

Illi l-konvenut permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu allega li l-kuntratt li wassal sabiex sar dan il-konsum kollu huwa null u ma jiswiex minhabba li gie miksub b'ingann min-naha tas-socjeta' attrici. It-Tribunal irrizultalu illi fil-kuntratt kien hemm elenkati l-kundizzjonijiet kollha li kellhom jirregolaw ir-relazzjoni bejn il-konvenut u s-socjeta' attrici u ma gie ppruvat l-ebda qerq da parti tas-socjeta' attrici. F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota illi dakinhar li ffirma l-kuntratt, il-konvenut ha mieghu lil Charlene Gatt, li maghha kellu relazzjoni u li flok kienet ta' ghajnuna f'dan ir-rigward, iktar gharrqitu, fis-sens li indikatlu li l-kuntratt kien tajjeb, u l-konvenut serrah rasu li kien ha jhallas rata fissa kull xahar ghall-mobile. Il-problema ma kinix ghalhekk wahda ta' qerq mis-socjeta' attrici.

F'dan ir-rigward, fis-sentenza *Audrey Spiteri vs. Anton Spiteri*[6] intqal:

> L-artikolu 981 tal-Kap. 16 jipprovdi hekk:
>
> 1. L-ghemil doluz huwa motiv ta' nullita ta' ftehim meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kinitx tikkuntratta;
> 2. L-ghemil doluz ma jistax jigi prezunt imam ghandu jigi ippruvat.
>
> Kwindi l-elementi li trid tipprova l-attrici biex iwasslu ghal vizzju tal-kunsens minhabba qerq huma erba cioe:
>
> a. illi jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa u allura l-intenzjoni li parti tqarraq bl-ohra;
>
> b. l-atti jkunu gravi;
>
> c. li jkunu determinanti biex isir il-kuntratt;
>
> d. li l-qerq ikun sehh bil-partecipazzjoni attiva jew passiva tal-parti l-ohra.

Illi fil-kaz odjern ma jidher li kien hemm l-ebda minn dawn l-elementi sabiex ikun jista' jintqal li kien hemm qerq da parti tas-socjeta' attrici.

Illi t-Tribunal iqis ix-xiehda ta' Charlene Gatt bhala wahda mhux kredibbli, fis-sens li huwa impossibbli li ma tiftakarx jekk minn dakinhar li gie ffirmat il-kuntratt, kellhiex internet. Din wiegbet kwazi kull mistoqsija billi qalet li ma tafx meta jidher li hi kienet il-kagun ta' dan il-gwaj kollu ghall-konvenut. Jibqa' l-fatt pero' illi s-socjeta' attrici ma kellha x'taqsam xejn mal-fatt li din Charlene Gatt setghet sgwidat lill-konvenut. It-termini tas-socjeta' attrici kienu cari, il-konvenut iffirma l-kuntratt u gharaf il-firma tieghu fuq il-kuntratt, u jekk xejn, jekk ma fehemx il-kliem li kien hemm imnizzel, kellu jitlob l-ghajnuna u mhux jiffirma.

Illi l-konvenut eccepixxa wkoll illi l-kuntratt de quo ma giex esegwit b'bona fede mis-socjeta' attrici, u dan ghaliex din gharrfitu bil-konsum de quo biss diversi gimghat wara, meta rcieva l-ittra. Mill-provi jirrizulta pero' illi dan ma kienx il-kaz. Ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici xehdet dwar kif kienu ntbaghatu messaggi ghal

[6] Prim'Awla tal-Qorti Civili – 28 t'April 2015 per. S.T.O. Prim'Imhallef Mark Chetcuti

aktar minn darba sabiex jissenjalaw lill-utent ta' dak in-numru illi kien qed isiru konsum eccessiv. Eventwalment, bdew anke jitnaqqsu l-facilitajiet tas-servizz, u finalment intbaghtet l-ittra legali. Il-konvenut ghalhekk ma jistax jghid li ma kienx hemm bizzejjed avviz dwar dak li kien qed isehh. Jekk min-naha l-ohra fada dan il-mobile partikolari u t-thaddim tas-servizzi in kwestjoni f'idejn l-istess Charlene Gatt, u din ma infurmatux dwar l-avvizi li kienet qed tibghat is-socjeta' attrici, ghal dan is-socjeta' attrici ma tahtix u jibqa' responsabbli unikament il-konvenut. Wara kollox, il-konvenut qal ukoll illi gieli uza dan il-mobile sabiex icempel, izda kienet tuzah maggorment Charlene Gatt biex skond hu 'toqghod tara l-affarijiet'.

Illi t-Tribunal ghalhekk jirrizultalu illi l-eccezzonijiet tal-konvenut mhumiex gustifikati u m'ghandhomx jintlaqghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett'elef disa' mija u disa' Euro u sitta u sebghin centezmu (€3,909.76), bl-imghax kif mitlub sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur